TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 112/13-F

**Patricia u Tyrone Cassar**

**vs**

**Homemate**

Illum 23 ta' Ottubru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-27 ta' Mejju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' mija u disgħa w disgħin ewro (€199), rappreżentanti prezz ta' *tablet* illi wara ftit ma baqax jaħdem.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw *tablet* mingħand is-soċjeta' ntimata għall-prezz ta' mija u disgħa w disgħin ewro (€199), u wara ftit dan ma baqax jaħdem.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet ma deherx għas-seduta, u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ. Kif ukoll it-Tribunal, jinnota illi l-intimat ma ssottomettiex risposta bil-miktub.

Għaldaqstant it-Tribunal, jinnota wkoll il-garanzija u kif ukoll jinnota illi s-soċjeta' ntimata m'attendietx għas-seduta u qed jagħti importanza anke għall-fatt illi t-talba ma ġietx ikkontestata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' mija u disgħa w disgħin ewro (€199), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi t-*tablet* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**